# Tifkiriet ta' Tfuliti

*(meta konna mmorru l-baħar)*

## minn Carmen Demanuele

It-triq li fiha noqgħod,

jiena niftakara sew,

b'raba' mdawwra b'ħitan għolja,

biex jgħattu l-imsaġar folti,

tal-ħarrub u tal-bajtar u anki tat-tin,

u xi dwieli mal-ħitan imxebilkin,

bl-għenieqed tal-għeneb imdendlin,

ix-xaħmet u l-gringu,

għal ġo xquq tal-ħajt deħlin.

Għalkemm kont għadni żgħira,

kas jiena ma kontx nagħti,

għax it-triq li kont ngħaddi minna,

kienu jgħidilha t-Triq il-Ġdida.

U meta konna mmorru l-baħar,

ir-Ramla ta' San Tumas,

min-naħa tar-Raħal t'Isfel ngħaddu,

mit-triq ta' Fuq Tat-Tass.

U xħin minn Tat-Tass nitilqu,
ngħaddu minn ġol-mgħodijiet,
minn fejn kien joqgħod Ċanċu,
bl-imrieħel tal-baqriet.

Minn qalb il-ħitan sbejħa,
mibnija b'ħitan tas-sejjieħ,
bid-dwieli mxebilkha magħhom,
xħin ħarstek taqa' fuqhom,
mix-xemx ħarstek tistrieħ.